

ieħor lil persuna li kienet preċedentement suġġetta, fl-Istat Membru ospitanti, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan preċedenti minħabba li saqet taħt l-influwenza tal-alkoħol u meta din it-tieni liċenzja nkisbet barra minn kull perijodu ta' projbizzjoni li tintalab liċenzja ġdida, jekk jirriżulta:

— li, fuq il-bażi tal-ispjegazzjonijiet u tal-informazzjoni mogħtija mill-possessur ta' din il-liċenzja matul il-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji fil-kuntest tal-obbligu ta' kooperazzjoni tiegħu taħt id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti, il-kundizzjoni ta' residenza ma kinitx osservata mill-Istat Membru li ħareġ din il-liċenzja,

jew

— li l-informazzjoni miksuba matul l-investigazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali u l-qrati tal-Istat Membru ospitanti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja ma tkunx informazzjoni inkontestabbli, mogħtija minn dan l-Istat tal-aħħar, li turi li l-possessur ma kellux ir-residenza normali tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat fil-mument tal-ħruġ, minn dan tal-aħħar, ta' liċenzja tas-sewqan.

(¹) ĠU C 32, 07.02.2009

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba Awla) tad-9 ta' Lulju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunal de première instance ta' Mons — Il-Belġju) — Régie communale autonome du stade Luc Varenne vs État belge — SPF Finances

(Kawża C-483/08) (¹)

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Is-Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 10(1) u (2) — Irkupru tat-taxxa mnaqqa b'mod żbaljat — Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni)

(2009/C 282/34)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Mons

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Régie communale autonome du stade Luc Varenne

Konvenut: État belge — SPF Finances

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal de première instance de Mons — Interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Diret-

tiva 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Kunċetti ta' "fatt taxxabli" u "intaxxar" — Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni tal-proċeduri għall-irkupru tat-taxxa — Jum tal-ħruġ tal-fattura jew jum tal-preżentata tad-dikjarazzjoni li biha l-persuna taxxabli tinvoka d-dritt tagħha għal tnaqqis tat-taxxa?

Dispożittiv

L-Artikolu 10 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 145, p. 1): bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE, tas-7 ta' Mejju 2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali u pratika amministrattiva nazzjonali li jstabbilixxu l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' prekrizzjoni tal-proċeduri għall-irkupru tat-taxxa fuq il-valur miżjud imnaqqa b'mod żbaljat fil-jum tal-preżentata tad-dikjarazzjoni li biha l-persuna taxxabli invokat għall-ewwel darba d-dritt tagħha għal tnaqqis.

(¹) ĠU C 19, 24.01.2009

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Dioikitiko Protodikeio Tripoleos (Il-Greċja) fl-10 ta' Lulju 2009 — Alfa Vita Vassilopoulos AE, li qabel kienet Trofo Super-Markets AE vs Elliniko Dimosio, Nomarchiaki Aftodioikisi Lakonias

(Kawża C-257/09)

(2009/C 282/35)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Dioikitiko Protodikeio Tripoleos (Il-Greċja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Alfa Vita Vassilopoulos AE, li qabel kienet Trofo Super-Markets AE

Konvenuti: Elliniko Dimosio, Nomarchiaki Aftodioikisi Lakonias.

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Awwissu 2009, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ordna t-tħassir tal-Kawża C-257/09 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Dioikitiko Protodikeio Tripoleos).